# IL-QUDDIESA TAS-SEBĦ

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**
**Is 62. 11-12**

Araw, il-Mulej isemma' leħnu
sa truf l-art;
"Għidu lil bint Sijon:
Arah, ġej is-Salvatur tiegħek!
Arah, bil-prezz f'idu
u l-ħlas quddiemu.''
U jibdew isejħulhom "poplu qaddis,
il-mifdijin mill Mulej''.
U lilek isejħulek "l-Imfittxija,
il-Belt qatt mitluqa''.
**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 96**
**Illum jiddi fuqna d-dawl, għax twildilna l-Mulej.**

Il-Mulej isaltan! Ħa tifraħ l-art,
ħa jifirħu l-ħafna gżejjer!
Ixandru s-smewwiet il-ġustizzja tiegħu,
u l-popli kollha jaraw is-sebħ tiegħu.

**Rit/. Illum jiddi fuqna d-dawl, għax twildilna l-Mulej.**

Id-dawl feġġ fuq il-ġust,
u l-hena għal qalb in-nies sewwa.
Ifirħu, ġusti, fil-Mulej,
u faħħru l-isem qaddis tiegħu.

**R/. Illum jiddi fuqna d-dawl, għax twildilna l-Mulej.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lil Titu**
**Tit 3, 4-7**

Meta feġġet it-tjieba ta' Alla, Salvatur tagħna, u l-imħabba tiegħu għall-bnedmin, hu salvana bil-ħasil ta' twelid ġdid u tiġdid mill-Ispirtu s-Santu, mhux minħabba fl-opri tajba li stajna għamilna aħna, iżda minħabba fil-ħniena tiegħu. Dan l-Ispirtu s-Santu hu xerrdu bil-kotra fuqna b'Ġesu' Kristu, is-Salvatur tagħna, biex bis-saħħa tal-grazzja tiegħu nitqaddsu u nsiru werrieta tal-ħajja ta' dejjem skond it-tama li għandna.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah, Hallelujah.**
Glorja 'l Alla fl-ogħla tas-smewwiet,
u sliem fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba.
**Hallelujah.**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa.**
**Lq 2, 15-20**

Meta l-anġli ħallewhom u telgħu s-sema, ir-ragħajja bdew igħidu lil xulxin: "Imxu mmorru Betlehem ħa naraw dan li ġara u li l-Mulej għarrafna bih''. Marru mela jgħaġġlu, u sabu 'l Marija u 'l Ġużeppi u t-tarbija mimduda f'maxtura. Kif raw dan, għarrfu b'kull ma kien intqal lilhom dwar din it-tarbija: u kull min semagħhom baqa' mistagħġeb b'dak li qalulhom ir-ragħajja. Marija, min-naħa tagħha, baqgħet iżżomm sewwa f'qalbha dan kollu u kienet toqgħod taħseb fuqu bejnha u bejn ruħha. Imbagħad ir-ragħajja reġgħu lura, isebbħu u jfaħħru 'l Alla għal dak kollu li kienu raw u semgħu bħalma kien intqalilhom.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**It-tifħir lilek Kristu.**